DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/11/KE

tal-21 ta' Frar 2007

li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwu għal acetamiprid, thiacloprid, imazosulfuron, methoxyfenozide, S-metholachlor, milbemectin u tribenuron

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi fiċ-ċereali u fuqhom [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fil-prodotti ta' l-ikel u fuqhom li ġejjin mill-annimali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi fuq u f'ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti, inkluż il-frott u l-ħaxix [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq [4] ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva eżistenti tribenuron ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/54/KE [5].

(2) Is-sustanzi attivi li ġejjin ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE: acetamiprid u thiacloprid bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/99/KE [6], imazosulfuron, methoxyfenozide, u S-metholachlor bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/3/KE [7], u milbemectin bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/58/KE [8].

(3) L-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tat-tagħrif ippreżentat li għandu x'jaqsam ma' l-użu propost. It-tagħrif marbut ma' dan l-użu ġie ppreżentat minn ċerti Stati Membri bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) ta' din id-Direttiva. It-tagħrif disponibbli ġie rivedut u huwa biżżejjed sabiex jippermetti li jiġu ffissati ċerti livelli massimi ta' residwi (maximum residue levels – MRLs).

(4) Meta ma jeżisti l-ebda MRL tal-Komunità jew MRL proviżorju, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu MRL proviżorju bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma jkunu jistgħu jiġu awtorizzati prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi.

(5) Ir-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni li tħejjew għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati, iffissaw id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (DAK) u jekk meħtieġ, id-Doża Akuta ta' Referenza (DAR) għal dawn is-sustanzi. Il-periklu għal-konsumaturi minn prodotti ta' l-ikel ittrattati bis-sustanza attiva kkonċernata ġie vverifikat u evalwat bi qbil mal-proċeduri tal-Komunità. Ittieħdu wkoll f'kunsiderazzjoni l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [9] u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti [10] dwar il-metodoloġija użata. Intlaħqet il-konklużjoni li l-MRLs proposti ma jwasslux biex jinqabżu l-DAK jew l-DAR.

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur jitħares b'mod adattat mill-periklu ta' residwi li jirriżultaw minn użu mhux awtorizzat ta' prodotti għall-harsien tal-pjanti, l-MRLs proviżorji għandhom jiġu ffissati għall-kombinazzjonijiet rilevanti ta' prodott/pestiċida fl-anqas livell ta' determinazzjoni ta' analiżi.

(7) L-iffissar fuq livell Komunitarju ta' MRLs proviżorji bħal dawn ma jżommx l-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli ta' MRLs proviżorji għas-sustanzi kkonċernati skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI ta' dik id-Direttiva. Huwa meqjus li perjodu ta' erba' snin huwa

(1) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 31).
(2) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/62/KE, (ĠU L 206, 27.7.2006, p. 27)
(3) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE.
(4) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 200/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).
(5) ĠU L 244, 20.9.2005, p. 21.
(6) ĠU L 309, 6.10.2004, p. 6.
(7) ĠU L 20, 22.1.2005, p. 19.
(8) ĠU L 246, 22.9.2005, p. 17.

(9) Linji ta' gwida għat-tbassir ta' assorbiment alimentari ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Programm Alimentari f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).
(10) Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti dwar kwistjonijiet li jirrgwardaw l-emendar ta' l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, ta' l-14 ta' Lulju ta' l-1998) (http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index_en.html).

biżżejjed biex jippermetti l-iżvilupp ta' aktar użu tas-sustanza attiva kkonċernata. L-MRL proviżorju għandu mbagħad isir definittiv.

(8) Għalhekk jeħtieġ li jiġu modifikati l-MRLs stabbiliti fl-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE, sabiex jista' jkun hemm sorveljanza xierqa u kontroll tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u jitħares il-konsumatur. Fejn l-MRLs ġew diġà definiti fl-Annessi ta' dawn id-Direttivi, huwa xieraq li jiġu emendati. Fejn l-MRLs ma ġewx diġà definiti, huwa xieraq li jitfasslu għall-ewwel darba.

(9) Id-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 86/362/KEE hija emendata skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Id-Direttiva 86/363/KEE hija emendata skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness III ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Settembru 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tinkiseb konformità ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jipprovdu lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-2 ta' Settembru 2007.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 21 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE, jiżdiedu l-linji li ġejjin għal acetamiprid, thiacloprid, imazosulfuron, methoxyfenozide, S-metholachlor, milbemectin, thiacloprid u tribenuron:

Residwi ta' pestiċida	Livelli massimi f'mg/kg
"Acetamiprid	0,01 (*)(p) Ċereali
Imazosulfuron	0,01 (*)(p) Ċereali
Methoxyfenozide	0,05 (*)(p) Ċereali
Metholachlor li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	0,05 (*)(p) Ċereali
It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	0,05 (*)(p) Ċereali
Thiacloprid	0,02 (*)(p) Ċereali
Tribenuron – methyl	0,01 (*)(p) Ċereali

(*) Tindika l-anqas limitu tad-determinazzjoni analitika.

(p) Tindika li l-livell massimu proviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett mill-21 ta' Marzu 2011."

ANNESS II

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE, jiżdiedu l-linji li ġejjin għal acetamiprid, methoxyfenozide u thiachloprid:

	Livelli massimi f'mg/kg		
Residwi ta' pestiċidi	tal-laħam, inkluż xaħam, preparazzjonijiet ta' laħam, il-ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk bil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 and 0408
"Acetamiprid u IM-2-1 metabolite	laħam 0,05 (*) (p); fwiet 0,1 (p); kliewi 0,2 (p); xaħam 0,05 (*) (p); oħrajn 0,05 (*) (p)	0,05 (*) (p)	0,05 (*) (p)
Methoxyfenoxide	0,01 (*) (p)	0,01 (*) (p)	0,01 (*) (p)
Thiacloprid	laħam 0,05 (p); fwiet 0,3 (p); kliewi 0,3 (p); xaħam 0,05 (p); oħrajn 0,01 (*) (p)	0,03 (p)	0,01 (*) (p)

(*) Tindika l-aktar limitu baxx tad-determinazzjoni analitika.

(p) Tindika li l-livell massimu proviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett mill-21 ta' Marzu 2011."

ANNESS III

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, jiżdiedu l-linji li ġejjin għal acetamiprid, thiacloprid, imazosulfuron, methoxyfenozide, S-metholachlor, milbemectin, u tribenuron:

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi tahlitiet ohra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
1. **"Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; lewż**		0,01 (*)(p)			0,05 (*)(p)		0,01 (*)(p)
(i) IĊ-ĊITRU	1 (p)		1 (p)	0,05 (*)(p)		0,02 (*)(p)	
Grejpfrut							
Lumi							
Lajm							
Mandolin (inkluzi l-klementini u ibridi oħra)							
Larinġ							
Pomelos							
Oħrajn							
(ii) ĠEWŻ TAS-SIĠRA (bil-qoxra jew mingħajrha)	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)	0,1 (*)(p)		0,02 (*)(p)	
Lewż							
Ġewż tal-Brażil							
Kexjus jew ġewż ta' l-anakardju							
Qastan							
Ġewż ta' l-Indi							
Ġellewż							
Makadamja							
Ġewż tal-Pekan							
Ġewż ta' l-arznu (pine nuts)							
Pistaċċi							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi tahlitiet ohra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
Ġewż (Walnuts)							
Oħrajn							
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA FIL-KAR-PELLI (POME FRUIT)	0,1(p)		2 (p)	0,05 (*)(p)		0,3 (p)	
Tuffieħ							
Langas							
Sfarġel							
Oħrajn							
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA				0,05 (*)(p)			
Berquq	0,1 (p)					0,3 (p)	
Ċiras	0,2 (p)					0,3 (p)	
Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili)	0,1 (p)		0,3 (p)			0,3 (p)	
Għanbaqar	0,02					0,1 (p)	
Oħrajn	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(v) BERRIES U FROTT ŻGĦIR	0,01 (*)(p)			0,05 (*)(p)			
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-għasir			1(p)			0,02 (*)(p)	
Għeneb tal-mejda							
Għeneb ta' l-għasir							
(b) Frawli (għajr dak selvaġġ)			0,02 (*)(p)			0,5(p)	
(c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ)			0,02 (*)(p)			1 (p)	
Tut							
Dewberries							
Loganberries							
Lampun							
Oħrajn							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
(d) Frott żgħir ieħor u berries (ħlief dak selvaġġ)			0,02 (*)(p)			1 (p)	
Bilberries							
Cranberries							
Passolina ħamra, sewda u bajda)							
Gooseberries							
Oħrajn							
(e) Frott u berries salvaġġi			0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(vi) DIVERSI	0,01 (*)(p)			0,05 (*)(p)		0,02 (*)(p)	
Avokado							
Banana							
Tamal							
Tin							
Kiwi			1 (p)				
Kumquats							
Litchis							
Mango							
żebbuġ (tal-mejda)							
żebbuġ (ta' l-għasir)							
Papaja							
Frotta tal-passjoni							
Ananas							
Rummien							
Oħrajn			0,02 (*)(p)				

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi tahlitiet ohra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin**		0,01 (*)(p)		0,05 (*)(p)	0,05 (*)(p)		0,01 (*)(p)
(i) TUBERI JEW TA' L-GĦERQ	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
Pitrava zokkrija							
Zunnarija							
Cassava							
Krafes							
Rafan							
Qaqoċċ ta' Ġerusalem							
Zunnarija bajda							
Għeruq tat-tursin							
Ravanell							
Sassefrika							
Patata ħelwa							
Swedes							
Rapa							
Jam							
Oħrajn							
(ii) BASAL	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
Tewm							
Basal							
Basal li jikber bħala għanqud jissejjaħ Shallots							
Tip ta' basal li jissejjaħ Spring onions							
Oħrajn							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
(iii) ĦXEJJEX TAL-FROTTA							
(a) Solanacea							
Tadam	0,1(p)		2(p)			0,5(p)	
Bżar	0,3(p)		1(p)			1(p)	
Brunġiel	0,1(p)		0,5(p)			0,5(p)	
Okra							
Oħrajn	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(b) Għerq tal-qara' tal-fliexken – tal-qoxra li tittiekel	0,3(p)		0,02 (*)(p)			0,3(p)	
Ħjar							
Gherkins							
Qarabali							
Oħrajn							
(c) Għerq tal-qara' tal-fliexken tal-qoxra li ma tittikilx	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)				
Bettiħ						0,2(p)	
Ħxejjex li jissejħu squashes							
Dullieħ						0,2(p)	
Oħrajn						0,02 (*)(p)	
(d) Qamħirrum	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(iv) ĦXEJJEX BRASSICA	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(a) Brassica li tagħmel il-fjuri							
Brokkoli							
Pastard							
Oħrajn							
(b) Brassica bir-ras							
Kaboċċi ta' Brussel							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi tahlitiet ohra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
Kaboċċa tar-ras							
Oħrajn							
(c) Brassica bil-weraq							
Kaboċċa taċ-Ċina							
Kale							
Oħrajn							
(d) Qarabali							
(v) ĦXEJJEX LI L-WERAQ TAGĦĦOM JIT-TIEKEL U ĦWAWAR FRISK			0,02 (*)(p)				
(a) Ħass u ħaxix simili						2(p)	
Krexxuni							
Ħass tal-ħaruf	5						
Ħass	5						
Scarole							
Insalata							
Weraq u zkuk tal-brassika							
Oħrajn	0,01 (*)(p)						
(b) Spinaċi u simili	0,01 (*)(p)					0,02 (*)(p)	
Spinaċi							
Weraq tal-pitravi							
Oħrajn							
(c) Krexxuni ta' l-ilma	0,01 (*)(p)					0,02 (*)(p)	
(d) Witloof	0,01 (*)(p)					0,02 (*)(p)	
(e) Ħwawar	0,01 (*)(p)					3(p)	
Maxxita							
Kurrat salvaġġ							
Tursin							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
Weraq tal-karfus							
Oħrajn							
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	0,01 (*)(p)						
Fażola (bl-imżiewed)			0,2(p)			1(p)	
Fażola (mingħajr imżiewed)							
Fażola (bl-imżiewed)							
Piżelli (mingħajr imżiewed)							
Oħrajn			0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
Asparagu							
Kardun							
Karfus							
Bużbież							
Qaqoċċ							
Kurrat							
Rabarbru							
Oħrajn							
(viii) FAQQIEGĦ	0,01 (*)(p)		0,02 (*)(p)			0,02 (*)(p)	
(a) Faqqiegħ ikkoltivat							
(b) Faqqiegħ salvaġġ							
3. **Żrieragħ imnixxfin**	0,01 (*)(p)	0,01 (*)(p)	0,02 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,02 (*)(p)	0,01 (*)(p)
Fażola							
Għazz							
Piżelli							
Lupini							
Oħrajn							

Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg)							
Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Acetamiprid	Imazosulfuron	Methoxyfenozide	It-total ta' MA4 + 8,9Z-MA4, espress bħala milbemectin	Metholachlor li jinkludi tahlitiet ohra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu S-metolachlor (It-total ta' l-iżomeri)	Thiacloprid	Tribenuron – methyl
4. **Żejt taż-żrieragħ**		0,01 (*)(p)		0,1 (*)(p)	0,1 (*)(p)		0,01 (*)(p)
Żerriegħa tal-kittien							
Karawett							
Żerriegħa tal-peprin							
Ġulġlien							
Żerriegħa tal-ġirasol							
Żerriegħa tal-lift						0,3 (p)	
Żerriegħa tas-sojja			2 (p)				
Żerriegħa tal-mustarda							
Żerriegħa tal-qoton	0,02		2 (p)				
Żerriegħa tal-qanneb							
Oħrajn	0,01 (*)(p)		0,05 (*)(p)			0,05 (*)(p)	
5. **Patata**	0,01 (*)(p)	0,01 (*)(p)	0,02 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,02 (*)(p)	0,01 (*)(p)
Patata bikrija							
Varjazzjonijiet ta' patata							
6. **TE (weraq u zkuk, imnixxef, iffermentat jew mod ieħor, mill-weraq tal-*Camellia sinensis*)**	0,1 (*)(p)	0,02 (*)	0,05 (*)(p)	0,1 (*)(p)	0,1 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,02 (*)
7. **ĦOPS (imnixxef), inklużi ħbub tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat**	0,1 (*)(p)	0,02 (*)	0,05 (*)(p)	0,1 (*)(p)	0,1 (*)(p)	0,05 (*)(p)	0,02 (*)

(*) Tindika l-iċken limitu tad-determinazzjoni analitika.

(p) Tindika li l-livell massimu proviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett mill-21 ta' Marzu 2011."